MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Talba Numru. 1709/2002

**Technowash Limited**
**vs**

**Matthew Pace u Adrian Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlett liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm203.83), dovuta mill-konvenuti in konnessjoni ma' xoghol ta' "laundry" esegwit mis-socjeta` attrici;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Novembru, 2001, data ta' l-ittra nterpellatorja sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Kenneth Cutajar ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta’ l-Att V ta’ l-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u tlett liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm203.83), bl-imghaxijiet legali mis-26 ta’ Novembru, 2001 sad-data ta’ l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------